**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 23 ta' Mejju 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christina Delia)**
**Vs**
**Anthony Borg**

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Anthony Borg detentur tal-karta tal-identita' nru 260783, fejn gie akkuzat talli nhar l-4 ta' Lulju 2019 ghal-habta ta' bejn l-ghaxra u ghoxrin ta' filghodu (10:20Hrs) u is-satghejn ta' wara nofsinhar (14:00Hrs) minn gewwa FireTech li jinsab fi UBT16, Zona Industrijali San Gwann, San Gwann:

1. Ikkometta serq ta' diversi oggetti u cioe` Fire Controllers liema serq huwa aggravat bil- 'Valur' liema ammont ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u dan ghad-

detriment ta' Ivan Cauchi u Emanuel Vassallo u/jew persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 Artikolu 7 tal-ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr J.Mifsud LLD datata 5 ta' Marzu 2019 liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li titratta lill-imputat Anthony Borg bhala recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, meta hu kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tal-14 ta' Novembru 2019 a folio 22.

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena/sanzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkundisrat**;

Illi in tema ta' piena/sanzjoni din il-Qorti qed tqis l-ammisjoni bikrija tal-imputat, apparti naturalment in-natura serja ta` l-imputazzjonijiet dedotti u l-fedina penali refrattarja tieghu. Qed jigi meqjus ukoll il-fatt, kif verbalizzat, li l-oggetti *de quo*, gew ilkoll ritornati lil sidhom.

**Konkluzjoni.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 261, 279(a), 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati, fuq ammisjoni tieghu stess, ta` l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u minflok piena, tordna li, ai termini ta' Arikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal tliet (3) snin millum bil-kundizzjonijiet li jidhrilhom li ghandhom jimponu, minn zmien ghal zmien, l-ufficcju tal-probation.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' probation u l-kondizzjonijiet l-ohra applikabbli skond il-ligi u li f'kaz li jonqos milli

jikkonforma ruhu ma’ dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta’ l-ordni ta’ probation, tista’ tinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b’din is-sentenza.

Ai termini ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ probation ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation u Parole sabiex jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputat Anthony Borg.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur